






Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali - Ġermanja
Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

Peress li l-Ġermanja hija stat federali, huma l-Länder li jipubblikaw l-avviżi uffiċjali tagħhom. Huma foqru l-paġni web tagħhom għal dan il-għan. Il-foqru għal xi wħud minnhom jinsabu f' il-Portal tal-Ġustizzja tal-Gvern Federali u l-Länder (Justizportal des Bundes und der Länder). L-informazzjoni li ġejja hija relatata biss mal-pubblikazzjonijiet tal-Gvern Federali:

Pubblikazzjoni	Ambitu tal-pubblikazzjoni
 Il-Gazzetta tad-Dritt Federali (Bundesgesetzblatt)	Kopja elettronika tal-verżjoni stampata uffiċjali biss
 Il-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	Taqsimu uffiċjali; Taqsimu ġudizzjarja (f'format elettroniku biss)
 Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali (Bundessteuerblatt)	Kemm f'format elettroniku u kemm fuq karta stampata
 Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta (Gemeinsames Ministerialblatt)	Kemm f'format elettroniku u kemm fuq karta stampata
 Il-Gazzetta tat-Trasport (Verkehrsblatt)	Kemm f'format elettroniku u kemm fuq karta stampata

Liema avviżi huma ppubblikati?

Pubbli kazzjoni	Tipi ta' avviżi
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	Liġijiet, trattati internazzjonali, ordinanzi, avviżi, mandati, notifiċi u ċerti deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali Federali (Bundesverfassungsgericht)
Il-Gazzetta Federali	Ordinanzi, avviżi uffiċjali oħrajn, sejħiet għall-offerti, linji gwida u avviżi ġudizzjarji. L-avviżi ġudizzjarji jinkludu pubblikazzjonijiet tal-qorti li jikkonċernaw ir-reġistru tal-litiġju skont l-Att dwar il-Proċeduri bi Prova tal-Investituri Kapitali (Kapitalanleger-Musterverfahrensgesetz), notifiċi pubbliċi, kawżi kriminali, taħrikiet ta' persuni u sejħiet għal dokumenti, deċiżjonijiet ta' esklużjoni, kanċellazzjonijiet ta' titoli u deċiżjonijiet oħrajn, taħrik ta' terzi, fallimenti, proċedimenti ta' insolvenza, u r-reġistru ta' xogħlijiet anonimi u psewdonimi
Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Dispożizzjonijiet legali relatati mat-taxxa u digriet amministrattivi, deċiżjonijiet tal-Qorti Fiskali Federali (Bundesfinanzhof)
Il-Gazzetta Ministerjali	Dispożizzjonijiet legali relatati mat-taxxa u digriet amministrattivi, deċiżjonijiet tal-Qorti Fiskali Federali

erjali Kong unta	(Bundesfinanzhof)
Il- Gazz etta tat- Trasp ort	Dispożizzjonijiet uffiċjali dwar it-trasport, sejħiet għal proprjetarji ta' vetturi neqsin u dokumenti ta' reġistrazzjoni

Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppublikati l-avviżi uffiċjali?

Publikazzjoni	Korp tal-publikazzjoni
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	L-awtoritajiet Federali
Il-Gazzetta Federali	L-awtoritajiet, il-qrati u l-prosekuturi pubbliċi Federali u tal-Länder
Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Il-Ministeru Federali tal-Finanzi u l-ogħla awtoritajiet tat-taxxa fil-Länder
Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta	Il-ministeri federali kollha elenkati fil-paġna ta' quddiem
Il-Gazzetta tat-Trasport	Il-ministeri federali, l-awtoritajiet regolatorji fil-Länder

L-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas?

Publikazzjoni	Aċċess bla ħlas
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	Iva (qari biss)
Il-Gazzetta Federali	Iva
Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Parzjalment (mhux l-iktar publikazzjonijiet reċenti u lanqas dawk iktar qodma)
Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta	Għall-werrej biss
Il-Gazzetta tat-Trasport	It-titoli tal-avviżi uffiċjali biss (irid isir ħlas biex taċċessa l-kontenut)

X'tipi ta' tiftixiet jistgħu jsiru?

Publikazzjoni	Tipi ta' tiftixiet
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	Bla ħlas: mhux disponibbli Bi ħlas: tiftix tat-test sħiħ, tiftix bi kwotazzjoni, titolu, abbrevjazzjoni, id-data tal-ħruġ, is-sena tal-promulgazzjoni u l-parti
Il-Gazzetta Federali	Terminu, parti, data tal-publikazzjoni, tip ta' publikazzjoni, l-awtorità/il-qorti tal-publikazzjoni (taqsima amministrattiva u dik ġudizzjarja); referenza, titolu (taqsima uffiċjali); numru tal-fajl (taqsima ġudizzjarja)
Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Tip ta' taxxa, tip ta' dokument, sekwenza tar-regoli, id-data, in-numru tal-fajl, in-numru tad-dokument, il-Land, is-suġġett/il-prinċipju ewlieni, referenza
Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta	Edizzjoni, numru tal-paġna, is-sena u tiftixa ta' test sħiħ
Il-Gazzetta tat-Trasport	Il-qasam, it-titolu, termini ta' tiftix, id-data, in-numru tal-ordinanza

Minn liema data se jkunu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

Publikazzjoni	Id-data disponibbli
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	Il-verżjoni elettronika tal-Ewwel Taqsima tal-Gazzetta tad-Dritt Federali ilha tkun disponibbli fl-istess waqt tal-verżjoni stampata mill-1998; Il-verżjoni elettronika tat-Tieni Taqsima tal-Gazzetta tad-Dritt Federali ilha tkun disponibbli fl-istess waqt tal-verżjoni stampata mill-1999 Huwa possibbli li tftitex l-edizzjonijiet kollha ppublikati mit-23 ta' Mejju 1949 'il quddiem
Il-Gazzetta Federali	Publikazzjonijiet individwali mit-30 ta' Awwissu 2002 'il quddiem Il-publikazzjonijiet kollha mill-1 ta' April 2012 'il quddiem

Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Huwa possibbli li tfittex f'edizzjonijiet ippubblikati mill-1992 'il quddiem
Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta	Huwa possibbli li tfittex f'edizzjonijiet ippubblikati mill-1950 'il quddiem
Il-Gazzetta tat-Trasport	Huwa possibbli li tfittex f'edizzjonijiet ippubblikati mill-1947 'il quddiem

It-tifxiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifikati meta jintlaħqu l-kriterji?

Publikazzjoni	Tifx awtomatiku	Data miftuħa
Il-Gazzetta tad-Dritt Federali	Le	Le
Il-Gazzetta Federali	Bħala servizz ta' informazzjoni bi ħlas biss	Le
Il-Gazzetta tat-Taxxa Federali	Le	Le
Il-Gazzetta Ministerjali Konġunta	Le, id-data tal-publikazzjoni għall-edizzjoni li jmiss biss	Le
Il-Gazzetta tat-Trasport	Le	Le

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 30/10/2018